Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Jannar 2025
(OR. en)**

**5395/25**

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0456(NLE)**

**ACP 2
WTO 1
RELEX 49
COASI 11**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | ST 5897/24 |
| Nru dok. Cion: | ST 16744/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra<br>- Adozzjoni |

1. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra u, bħala anness, l-offerta tal-aċċess għas-suq ippreżentata minn Tuvalu (ST 16744/23 + ADD 1).

2. Fit-23 ta' Jannar 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta msemmija hawn fuq u qabel mat-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

3. Fid-19 ta' Frar 2024, il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim.

4. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fit-18 ta' Diċembru 2024.

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP ikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Jannar 2025.

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Tuvalu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokumenti ST 5757/1/24 REV 1 + ST 5757/24 ADD 1;

– jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;

– jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.